

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/74/KEE

tat-13 ta' Settembru 1993

dwar l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għal għanijiet nutrijenti partikolari

(ĠU L 237 , 22.9.1993, p. 23)

Emendata minn:

	Ġurnal Uffiċjali		
	Nru	Paġna	Data
► M1 Id-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE tad-29 ta' April 1996	L 125	35	23.5.1996
► M2 Emendata minn Id-Direttiva 2000/16/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-10 ta' April 2000	L 105	36	3.5.2000
► M3 Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/29/KE tat-22 ta' April 1999	L 115	32	4.5.1999
► M4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 ta' l-14 ta' April 2003	L 122	1	16.5.2003



ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/74/KEE

tat-13 ta' Settembru 1993

dwar l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għal għanijiet nutrijenti partikolari

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropeja, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għal għanijiet partikolari tan-nutrimnt qegħdin jilgħbu parti importanti fid-dieta ta' l-annimali tal-gost; billi dawn il-prodotti huma wżati wkoll fit-tkabbir tal-bhejjem produttivi ta' l-oqsma;

Billi, f'uħud mill-Istati Membri, il-ġhalf kopert b'din id-Direttiva diġà jitqiegħdu fis-suq hekk illi jiġbdu l-attenzjoni ta' l-utenti dwar il-kompożizzjoni partikolari tagħhom;

Billi għandha tiġi stabbilita definizzjoni komuni għall-prodotti interessati; billi din id-definizzjoni trid tipprovdi illi l-prodotti ppreżentati kif maħsuba għalbiex jilhq u ċerti ħtiġiet tan-nutrimnt irid ikollhom kompożizzjoni speċifika u/jew iridu jiġu ffabrikati billi jintużaw metodi speċjali; billi huwa essenzjali li jiġi stabbilit il-prinċipju illi dan il-ġhalf irid jiġi magħruf biċ-ċar wieħed mill-ieħor, fil-karatteristiċi u fil-għanijiet tiegħu, kemm mill-ġhalf ordinarju u kemm mill-ġhalf immedikat;

Billi l-kompożizzjoni u t-tħejjija tal-ġhalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutrimnt irid ikun iddisinjat b'mod speċjali għalbiex jilħaq il-ħtiġiet partikolari tan-nutrimnt tal-kategoriji ta' l-annimali tal-gost jew tal-bhejjem produttivi ta' l-oqsma illi l-proċess tagħhom ta' l-assimilazzjoni, l-assorbiment jew il-metaboliżmu jista' jiġi ddanneġġat għal ftit taż-żmien jew iddanneġġat temporanjament jew b'mod irriversibbli;

Billi, meta jkun qegħdin jiġu stabbiliti r-regoli għat-tqegħid fis-suq tal-ġhalf maħsub għal għanijiet partikolari nazzjonali, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat illi dan il-ġhalf ikollu effett benefiċjali fuq l-annimali li jibilgħuh; billi l-ġhalf irid għalhekk ikun dejjem tal-kwalità li jista' jiġi kkummerċjat; billi għalhekk la jrid jippreżenta perikolu għas-saħħa ta' l-annimali jew ta' l-ambjent u lanqas ma jitqiegħed fis-suq b'manjiera x'aktarx qarrieqa;

Billi din id-Direttiva tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra Komunitarji dwar il-ġhalf, u b'mod partikolaru għar-regoli li japplikaw għall-ġhalf kompost;

Billi l-utent tal-ġhalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutrimnt jeħtieġ illi jiġi pprovvdut b'taġhrif eżatt u li jkun fih tifsira;

Billi sabiex il-ġhalf jiġi magħruf minn bejn il-ġhalf li jilħaq il-kriterji stabbiliti f'din id-Direttiva u bejn ġhalf ieħor, espressjoni waħdiena ta' kwalifika, "dietetiku", trid takkumpanja d-deskrizzjoni tal-ġhalf;

Billi, bħal fil-każ tal-ġhalf ordinarju, għandhom jiġu ddikjarati mill-inqas il-livelli tal-kostitwenti analitiċi li jkollhom effett dirett fuq il-kwalità tal-ġhalf; billi għandha ssir dispożizzjoni għad-dikjazzjoni ta' ċerti kostitwenti analitiċi miżjuda li jagħtu lill-ġhalf il-proprietajiet dietetiċi tiegħu;

Billi l-produtturi kollha tal-ġhalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutrimnt irid ikollu l-għażla li jindika fuq it-tikketta ċerti partikolaritajiet ta' ħtieġa għall-utent;

⁽¹⁾ ĠU C 231, tad-9.9.1992, p. 6.

⁽²⁾ ĠU C 21, tal-25.1.1993, p. 73.

⁽³⁾ ĠU C 73, tal-15.3.1993, p. 25.

▼B

Billi mhux meħtieġ illi l-provvista tal-għalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutrimient ikun bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' preskrizzjoni veterinarja għadarba dawn il-prodotti ma fihom l-ebda sustanza kimika fit-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 65/65/KEE tas-26 ta' Jannar 1965 dwar l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġijiet, ir-regolamenti jew l-azzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti mediċinali ppatentjati ⁽¹⁾, iżda, sabiex jiġi żgurat l-użu approprijat tal-għalf b'karattru speċifiku ħafna, l-utent għandu jiġi mwissi illi jkun mixtiegħ li titfittex l-opinjoni ta' speċjalista qabel ma jintuża;

Billi, madankollu, għall-għalf iddisinjat sabiex jissodisfa l-ħtiġiet nutrimentali ta' l-animali bi proċessi ta' dannu mhux irriversibbli fl-assimilazzjoni, l-assorbiment jew il-metaboliżmu jew li jkunu fi stat patoloġiku li jeħtiegħ is-sorveljanza medika, għandha tiġi pprovduta l-possibbiltà li jiġu stabbiliti regoli addizzjonali tat-tikkettjar li jipprovdu illi għandha tingħata rakkommandazzjoni lill-utent sabiex jitlob l-opinjoni minn qabel ta' veterinarju minflok ir-rakkommandazzjoni ġenerali li jikkonsulta speċjalista;

Billi għandha wkoll tiġi mfassla lista pożittiva fil-livell Komunitarju dwar l-użi maħsuba għall-għalf ta' l-animali għal għanijiet partikolari tan-nutrimient, li tindika l-użu preċiż tagħhom, il-karatteristiċi essenzjali tan-nutrimient, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji jew bil-għażla u l-ħtiġiet speċjali tat-tikkettjar; billi, filwaqt li tinżamm fil-moħħ l-importanza ta' din il-lista sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva, din il-lista għandha tiġi adottata fi żmien f'waqt;

Billi t-tqegħid fis-suq tal-għalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutrimient li jissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma jrid ikun bla ħsara għall-ebda restrizzjoni għal raġunijiet ta' kontenut, metodi tal-fabbrikazzjoni, preżentazzjoni jew tikkettjar;

Billi, fil-każijiet meta prodott jippreżenta riskju għas-saħħa ta' l-animali jew tal-bniedem jew għall-ambjent, għandha ssir dispożizzjoni għal kull Stat Membru li jitlob illi l-Kummissjoni tiegħu l-azzjonijiet approprijati, fuq raġunijiet iġġustifikati;

Billi, fil-każijiet meta l-Kunsill jagħti l-poteri lill-Kummissjoni għalbiex tapplika r-regoli stabbiliti rigward il-għalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutrimient, għandha tiġi pprovduta proċedura għall-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti tal-Għalf stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 70/372/KEE ⁽²⁾;

Billi jrid jiġi żgurat l-ispezzjoni ffettiva tal-għalf masub għal għanijiet partikolari tan-nutrimient; billi f'ċerti ċirkostanzi l-mezzi tas-soltu għad-dispożizzjoni tas-servizzi ta' l-ispezzjoni jistgħu ma jkunux biżżejjed sabiex jippermettu l-verifika illi għalf attwalment jippossjedi l-proprietajiet partikolari tan-nutrimient attribwiti lilu; billi għandu għalhekk jiġi pprovdut illi, fejn meħtiegħ, il-persuna responsabbli mit-tqegħid fis-suq tal-prodott għandha tassisti lis-servizz ta' l-ispezzjoni fid-dmirijiet tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tirrigwarda l-għalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutrimient.
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu illi l-għalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutrimient jista' jitqiegħed fis-suq biss jekk:
 - iwettaq il-kondizzjonijiet riferiti fl-Artikolu 3,
 - ikun ittikkettjat skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5,
 - l-użu maħsub għalih jiġi inkluż fil-lista mfassla skond l-Artikolu 6 u jwettaq id-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'din il-lista.

⁽¹⁾ ĠU C 22, tad-9.2.1965, p. 369/65.

⁽²⁾ ĠU L 170, tat-3.8.1970, p. 1.

▼B

Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id- definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "għalf" għandu jfisser il-prodotti ta' oriġini mill-ħxejjex ta' l-ikel jew mill-annimali fl-istat naturali tagħhom, friski jew ippriservati, u l-prodotti dderivati mill-proċessar industrijali tagħhom, u s-sustanzi organiċi jew inorganiċi, użati għal rashom jew f'taħlitiet, sewwa jekk ikun fihom l-addittivi u sewwa jekk le, sabiex jitimgħu lill-annimal bil-fomm;

▼M1

- (b) "prodotti ta' l-għalf tal-bhejjem komposti" taħlit ta' materjali ta' l-għalf tal-bhejjem, ikollhom jew ma jkollhomx addittivi, li jkunu maħsuba għat-tmiegħ orali ta' l-annimali bħala prodotti ta' l-għalf tal-bhejjem kompluti jew kumplimentari;

▼B

- (c) "għalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutriment" għandu jfisser għalf kompost li, bis-saħħa tal-kompożizzjoni partikolari tiegħu jew il-metodu tal-fabbrikazzjoni, jista' jingħaraf sewwa kemm mill-għalf ordinarju u kemm mill-prodotti ddefiniti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE tas-26 ta' Marzu 1990 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-tnejja, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-għalf immedikat fil-Komunità ⁽¹⁾, u jiġi ppreżentat kif maħsub sabiex jilħaq ħtiġiet speċifiċi tan-nutriment;
- (d) "għan partikolari tan-nutriment" għandu jfiser il-għan li jissodisfa l-ħtiġiet speċifiċi tan-nutriment ta' ċerti annimali tal-gost jew tal-bhejjem produttivi fuq l-oqsma li l-proċess ta' l-assimilazzjoni, l-assorbiment u l-metaboliżmu tagħhom jista' jiġi jew iddanneġġjat temporanjament jew iddanneġġjat b'mod irriversibbli u għalhekk ikunu kapaċi li jidderivaw benefiċċju mill-iġestjoni tal-għalf approprjat skond il-kondizzjoni li jkunu fiha.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi n-natura tal-kompożizzjoni tal-għalf riferit fl-Artikolu 1(1) tkun hekk illi l-prodott ikun approprjat għall-għan maħsub tan-nutriment.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tapplika, bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fiha, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar:

- (a) il-għalf kompost;
- (b) l-addittivi fil-għalf;
- (c) is-sustanzi u l-prodotti mhux fin-nutriment ta' l-annimali;
- (d) ċerti prodotti wżati fin-nutriment ta' l-annimali.

Artikolu 5

B'zieda mad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 79/373/KEE of 2 April 1979 dwar it-tqegħid is-suq tal-għalf kompost ⁽²⁾ l-Istati Membri għandhom jehtiegu illi:

1. l-indikazzjonijiet addizzjonali li ġejjin jidhru fl-ispazju pprovvdut bil-għan tal-pakkeġġjar, fuq il-kontenitur jew fuq it-tabella tal-għalf riferita fl-Artikolu 1(1):
- (a) l-espressjoni ta' kwalifika "dietetiku" flimkien mad-deskrizzjoni tal-għalf;
- (b) l-użu preċiż, jiġifieri l-użu partikolari tan-nutriment;
- (c) l-indikazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tan-nutriment tal-għalf;
- (d) id-dikjarazzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 4 fl-Anness li jirrigwardaw il-għan partikolari tan-nutriment;

⁽¹⁾ ĠU L 92, tas-7.4.1990, p. 42.

⁽²⁾ ĠU L 86, tas-6.4.1979, p. 30.

▼B

- (e) it-tul taż-żmien irrakkommandat għall-użu tal-għalf.
- L-indikazzjonijiet riferiti fil-punti (a) sa (e) iridu jikkonformaw mal-kontenut tal-lista ta' l-użi maħsuba fl-Anness u d-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti skond l-Artikolu 6(b);
2. jistgħu jiġu fornuti indikazzjonijiet oħra għajr dawk riferiti fil-paragrafu 1 fl-isparzju pprovdut għal dan il-għan, safejn u sakemm ikunu koperti bl-Artikolu 6(a);
 3. mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5e tad-Direttiva 79/373/KEE, it-tikkettjar tal-għalf kif riferit fl-Artikolu 1(1) jista' jagħmel referenza għal kondizzjoni speċifika patoloġika safejn u sakemm din il-kondizzjoni tikkorrespondi mal-għan tan-nutrimet stabbilit fil-lista ta' l-użi mfassla skond l-Artikolu 6(a);
 4. it-tikketta jew l-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf riferit fl-Artikolu 1(1) iridu jgħorru l-indikazzjoni "Huwa rrakkommandat illi titiffittex l-opinoni ta' speċjalista qabel l-użu."

Madankollu, jista' jiġi pprovdut fil-lista ta' l-użi maħsuba fl-Anness illi din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mibdula għal għalf speċifiku tan-nutrimet b'rakkommandazzjoni li titlob l-opinjoni minn qabel ta' veterinarju;
 5. id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5c (5) tad-Direttiva 79/373/KEE għandhom japplikaw ukoll għall-għalf riferit fl-Artikolu 1(1) u maħsub għal annimali oħra għajr l-annimali tal-gost;
 6. it-tikkettjar tal-għalf riferit fl-Artikolu 1(1) jista' wkoll jagħti prominenza lill-preżenza jew lil-livell baxx ta' kostitwent analitiku jew iktar li jkunu essenzjali għad-deskrizzjoni tal-għalf. F'dawn il-każijiet, il-livell minimu jew massimu tal-kostitwenti analitiċi espressi bħala perċentwal tal-piż tal-għalf iridu jkunu indikati biċ-ċar fil-lista tal-kostitwenti analitiċi ddikjarati;
 7. -espressjoni ta' kwalifika "dietitiku" għandha tiġi rriservata biss għall-għalf riferit fl-Artikolu 1(1).

Espressjonijiet oħra ta' kwalifika għajr "dietitiku" għandhomni jiġu projbiti fit-tikkettjar u l-preżentazzjoni ta' dan il-għalf;
 8. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5c (3) tad-Direttiva 79/373/KEE, id-dikjarazzjoni ta' ►**M1** materjali ta' l-għalf tal-bhejjem ◀ tista' ssir fil-għamla ta' raggruppament tal-kategorija ta' numru ta' ►**M1** materjali ta' l-għalf tal-bhejjem ◀, saħansitra meta tkun meħtieġa d-dikjarazzjoni ta' ċerti ►**M1** materjali ta' l-għalf tal-bhejjem ◀ skond l-isem speċifiku tagħhom sabiex jiġu ġġustifikati l-karatteristiċi nutrijenti tal-għalf.

Artikolu 6

Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9:

- (a) għandha tiġi stabbilita lista ta' l-użi maħsuba skond l-Anness mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 1994. Din il-lista għandu jkun fiha:
 - l-indikazzjonijiet riferiti fl-Artikolu 5(1)(b), (ċ), (d) u (e), u
 - meta approprjat, l-indikazzjonijiet riferiti fl-Artikolu 5(2) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 5(4);
- (b) jistgħu jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet ġenerali li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' l-indikazzjonijiet riferiti fil-(a), li jinkludu t-tolleranzi applikabbli;
- (ċ) il-miżuri adottati skond il-(a) u l-(b) jistgħu jiġu mmodifikati, wara l-iżviluppi fil-għerf xjentifiku u tekniku.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-għalf kif riferit fl-Artikolu 1(1) ma jkunx, għal raġunijiet li jirrigwardaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, bla ħsara għal restrizzjonijiet oħra tat-tqegħid fis-suq għajr dawk ipprovduti f'din id-Direttiva.

▼ **B***Artikolu 8*

1. Meta Stat Membru jistabbilixxi illi l-użu ta' għalf kif riferit fl-Artikolu 1(1) jew l-użu tiegħu fil-kondizzjonijiet stabbiliti jippreżenta riskju għas-saħħa ta' l-annimali jew tal-bniedem jew għall-ambjent, għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni u jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.
2. Il-Kummissjoni għadha tiftaħ malajr kemm jista' jkun il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9 bil-ħsieb li tadotta kull miżura appropjata.

▼ **M4***Artikolu 9*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbili skond l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ⁽¹⁾.
2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ⁽²⁾.
Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.
3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

▼ **B***Artikolu 10*

Sabiex jippermettu l-ispezzjon uffiċjali tal-għalf kif riferit fl-Artikolu 1 (1), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

1. l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa għall-ispezzjon uffiċjali matul il-fabbrikazzjoni jew it-tqegħid fis-suq, għall-inqas bit-teħid tal-kampjuni. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva;
2. meta appropjat, l-awtorità kompetenti għandha tingħata l-poteri li teħtieġ illi l-persuna responsabli mit-tqegħid fis-suq tal-prodott tipproduċi l-informazzjoni u t-tagħrif li jistabbilixxu l-konformità tal-għalf ma' din id-Direttiva

Jekk din l-informazzjoni tkun ġiet ippubblikata f'għamla aċċesibbli bla xkiel, tkun biżżejjed referenza għall-pubblikazzjoni.

Artikolu 11

Id-Direttivi li ġejjin huma hawnhekk emendati kif speċifikat:

▼ **M3**▼ **B**

2. fid-Direttiva 79/373/KEE:

(a) dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 1(2):

”(h) il-għalf għal għanijiet partikolari tan-nutriment;”

(b) l-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 5e għandu jiġi mibdud b'dan li ġej:

”— jista' ma jkunx iddisinjat sabiex jindika l-preżenza jew il-kontenut tal-kostitwenti analitiċi l-oħra għajr dawk li d-dikjarazzjoni tagħhom hija pprovvduta fl-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva jew fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 dwar il-għalf maħsub għal għanijiet partikolari tan-nutriment (*);

(*) ĠU L 237, tat-22.9.1993, p. 23.”

⁽¹⁾ ĠU L 31, ta' 1-1.2.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23

▼B

3. dan li ġej għandu jiġu miżjud ma' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda ċerti prodotti wżati fin-nutrimint ta' l-animali ⁽¹⁾:

”(f) il-ġhalf għal għanijiet partikolari tan-nutrimint;.”

Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għalihom sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 1995. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu r-referenzi għal din id-Direttiva jew għandhom jakkumpanjawhom b'dawn ir-referenzi fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-manjiera li biha għandhom isiru dawn ir-referenzi.

Artikolu 13

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 213, tal-21.7.1982, p. 8.

*L-ANNESS*

Il-għan partikolari tan-nutrimint	Il-karatteristiċi essenzjali tan-nutrimint	L-ispeċje jew il-kategorija ta' l-annimal	Id-dikjarazzjonijiet tat-tikkettjar	It-tul taż-żmien irakkommandat	Dispożizzjonijiet Oħra
1	2	3	4	5	6